**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 27 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 8735/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**kontra**

**Stefano Montebello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Stefano Montebello**, ta' disgħa u tletin (39) sena, iben Joseph u Pauline nee' Schembri, imwieled Pieta'nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985), residenti f'Komunita' Terapewtika San Blas, Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 52585(M):-

1. Billi inti akkużat talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, inqast milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqek b'digriet datat wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D u li permezz tiegħu inti ngħatajt il-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li tirraporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra kull nhar

ta’ Tnejn, Erbgħa u Ħadd bejn it-tmienja ta’ filgħodu (08:00hrs) u t-tmienja ta’ filgħaxija (20:00hrs);

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, nqast milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqek b’digriet datat wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D u li permezz tiegħu inti ngħatajt l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jekk tbiddel l-indirizz tad-dar tinforma lill-Pulizija b’dan it-tibdil fi żmien tnax-il siegħa;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih l-imputat ngħata l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u kif ukoll tordna li s-somma bħala garanzija personali, tgħaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta’ l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa’ jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa’ lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta’ piena l-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat.

Qieset li n-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kien jikkonsisti f’nuqqas t’iffirmar f’għassa tal-Pulizija fil-perjodu ndikat, kif ukoll

f'nuqqas tal-imputat li jirrisjedi fl-indirizz indikat fid-digriet li permezz tiegħu huwa kien ġie mogħti l-ħelsien mill-arrest[1].

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni, kif ukoll dak sottomess mid-difiża li fil-perjodu ndikat, l-imputat kien qiegħed jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni fi ħdan l-Aġenzija Caritas, għalkemm il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova in sostenn ta' dan. Ħadet nota ukoll tal-fatt illi l-Uffiċjal Prosekutur stqarr li fil-perjodu ndikat huwa ma kienx ġie nfurmat b'dan, iżda sussegwentement huwa kien ġie nfurmat li l-imputat kien qiegħed jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni. Dan ovvajment ma jnaqqas xejn mill-importanza li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu osservati b'mod rigoruż. L-imputat seta' faċilment jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet relattiv u jitlob varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tiegħu sabiex jittieħed kont ta' xi kambjamenti fis-sitwazzjoni tiegħu kif allegat minnu.

Illi tenut kont in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonfiska parti biss mid-depożitu pprestat bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 579(1)(2)(3), tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Stefano Montebello** ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal multa ta' elf ewro (€1000).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien wieħed u għoxrin (21) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

[1] Mid-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) eżebit in atti, jirriżulta li l-imputat kien ġie akkordat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet, fosthom dik li jirraporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ħadd, kif ukoll dik li jirrisjedi fl-indirizz numru ħamsa u għoxrin (25), Triq it-Turisti, Qawra.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-**konfiska** ta' parti tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti parti mill-garanzija mposta fid-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Andrew Agius Bonello) -vs- Stefano Montebello pendenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Astrid May Grima.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara